III

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

## Nru 394/11/COL

## tal-14 ta' Diċembru 2011

## li temenda, għat-tlieta u tmenin darba, ir-regoli proċedurali u sostantivi fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat billi tintroduċi kapitolu ġdid dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Jannar 2012, tar-regoli ta' għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' sostenn favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA ("L-AWTORITÀ"),

Billi:

Skont l-Artikolu 5(2)(b) tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, l-Awtorità għandha toħroġ avviżi jew linji gwida dwar kwistjonijiet trattati fil-Ftehim taż-ŻEE, jekk dan ikun previst espliċitament fil-Ftehim jew fil-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti jew jekk l-Awtorità tikkunsidra li hu meħtieġ,

Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Jannar 2012, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' sostenn favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja ([1]),

Din il-Komunikazzjoni hija wkoll rilevanti għaż-Żona Ekonomika Ewropea,

Għandha tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tar-regoli taż-ŻEE dwar għajnuna mill-Istat madwar iż-Żona Ekonomika Ewropea kollha skont l-objettiv ta' omoġeneità stabbilit fl-Artikolu 1 tal-Ftehim taż-ŻEE,

Skont il-punt II taħt it-titolu "ĠENERALI" fil-paġna 11 tal-Anness XV tal-Ftehim taż-ŻEE, l-Awtorità, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, għandha tadotta atti li jkunu jikkorrispondu ma' dawk adottati mill-Kummisssjoni Ewropea,

L-Awtorità kkonsultat mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Istati tal-EFTA permezz ta' ittri bid-data tad-2 ta' Diċembru 2011 dwar dan is-suġġett,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom jiġu emendati bl-introduzzjoni ta' kapitolu ġdid dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Jannar 2012, tar-regoli ta' għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' sostenn favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja.

Il-kapitolu l-ġdid jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-verżjoni Ingliża ta' din id-deċiżjoni hija l-unika waħda meqjusa bħala awtentika.

Magħmula fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

| Oda Helen SLETNES | Sverrir Haukur GUNNLAUGSSON |
|---|---|
| *Il-President* | *Membru tal-Kulleġġ* |

([1]) ĠU C 356, 6.12.2011, p. 7.

*ANNESS*

**L-APPLIKAZZJONI, MILL-1 TA' JANNAR 2012, TAR-REGOLI DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT GĦAL MIŻURI TA' SOSTENN FAVUR IL-BANEK FIL-KUNTEST TAL-KRIŻI FINANZJARJA**

## 1. **Introduzzjoni**

(1) Sa mill-bidu tal-kriżi finanzjarja globali fil-ħarifa tal-2008, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA ("l-Awtorità") adottat erba' settijiet ta' Linji Gwida ([1]) li jipprovdu gwida dettaljata dwar il-kriterji għall-kompatibbiltà ta' appoġġ mill-Istat lill-istituzzjonijiet finanzjarji ([2]) mar-rekwiżiti tal-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"). Il-Kapitli tal-Linji Gwida kkonċernati huma l-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fejn jidħlu istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja globali preżenti ([3]) (il-Linji Gwida dwar il-Banek); ir-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kriżi finanzjarja preżenti: il-limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu meħtieġ u l-protezzjoni kontra distorsjonijiet ta' kompetizzjoni bla bżonn ([4]) (il-Linji Gwida dwar ir-Rikapitalizzazzjoni); it-trattament ta' assi danneġġati fis-settur bankarju taż-ŻEE ([5]) ("Il-Linji Gwida dwar l-Assi Danneġġati") u r-ritorn għall-vijabbiltà u l-valutazzjoni tal-miżuri ta' ristrutturar fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat ([6]) ("Il-Linji Gwida għar-Ristrutturar"). Tlieta minn dawk l-erba' Linji Gwida, il-Linji Gwida Bankarji, il-Linji Gwida għar-Rikapitalizzazzjoni u l-Assi Danneġġati, jistabilixxu l-prerekwiżiti għall-kompatibbiltà tat-tipi ewlenin ta' għajnuna mogħtija mill-Istati tal-EFTA – garanziji fuq l-obbligazzjonijiet, ir-rikapitalizzazzjonijiet u l-miżuri ta' salvataġġ tal-assi – filwaqt li l-Linji Gwida għar-Ristrutturar jispjegaw il-karatteristiċi partikolari li jrid ikollu pjan ta' ristrutturazzjoni (jew pjan ta' vijabbiltà) fil-kuntest speċifiku ta' għajnuna mill-Istat relatata ma' kriżi mogħtija lill-banek fuq il-bażi tal-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim taż-ŻEE.

(2) Fit-2 ta' Marzu 2011, l-Awtorità adottat il-ħames sett ta' Linji Gwida dwar l-applikazzjoni, wara l-1 ta' Jannar 2011, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat dwar miżuri ta' sostenn favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjara ([7]) (il-Linji Gwida ta' Estensjoni). Il-Linji Gwida ta' Estensjoni estendew il-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar – l-unika waħda mill-erba' Linji Gwida li kellha data ta' skadenza speċifika – b'kundizzjonijiet emendati sal-31 ta' Diċembru 2011. L-Awtorità indikat ukoll fil-Linji Gwida ta' Estensjoni li hija kienet tqis li r-rekwiżiti sabiex l-għajnuna mill-Istat tiġi approvata skont l-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim taż-ŻEE, li, f'każi eċċezzjonali, jipprovdi għal għajnuna sabiex jiġi rrimedjat tħarbit serju fl-ekonomija ta' Stat Membru tal-EU jew ta' Stat tal-EFTA, kienu għadhom sodisfatti u li l-Linji Gwida dwar il-Banek, dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u dwar l-Assi Danneġġati kienu se jibqgħu fis-seħħ biex jipprovdu gwida dwar il-kriterji għall-kompatibilità ta' għajnuna relatata mal-kriżi lill-banek fuq il-bażi tal-Artikolu 61(3)(b) tat-Trattat taż-ŻEE.

(3) L-aggravazzjoni tat-tensjonijiet fis-swieq tad-dejn sovran li kien hemm fl-2011 poġġiet lis-settur bankarju fiż-ŻEE taħt pressjoni li qed tiżdied, partikolarment f'termini ta' aċċess għal swieq ta' finanzjament fuq perjodu ta' żmien. Il-"pakkett bankarju", li kien hemm ftehim dwaru mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern fil-laqgħa tagħhom tas-26 ta' Ottubru 2001 ([8]), għandu l-għan li jerġa' jġib fiduċja fis-settur permezz ta' garanziji fuq finanzjar fuq terminu ta' żmien medju u tal-ħolqien ta' protezzjoni kapitali temporanja li tammonta għal proporzjon mill-kapital ta' 9 % f'kapital tal-ogħla kwalità wara li tiġi kkunsidrata l-valutazzjoni tas-suq tal-iskoperturi għad-dejn sovran. Minkejja dawk il-miżuri, l-Awtorità tqis li r-rekwiżiti għall-għajnuna mill-Istat li għandha tiġi approvata skont l-Artikolu 61(3)(b) se jibqgħu jkunu ssodisfati wara tmiem l-2011.

(4) Għaldaqstant, il-Linji Gwida dwar il-Banek, dwar ir-Rikapitalizzazzjoni u dwar l-Assi Danneġġati se jibqgħu fis-seħħ wara l-31 ta' Diċembru 2011. Bl-istess mod, l-ambitu temporali tal-Linji Gwida dwar ir-Ristrutturar qiegħed jiġi estiż għal wara l-31 ta' Diċembru 2011 ([9]). L-Awtorità se tissorvelja s-sitwazzjoni u se tieħu passi lejn regoli aktar permanenti ta' għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-banek, fuq il-bażi tal-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE, malli l-kundizzjonijiet tas-suq ikunu jippermettu dan.

([1]) Il-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Arikoli 61 u 62 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 1 tal-Protokol 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, ("il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat"), adottati u maħruġa mill-Awtorità fid-19.1.1994, ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (minn hawn 'l quddiem imsemmi l-ĠU) L 231 tat-03.09.1994 u s-Supplement taż-ŻEE Nru 32, 03.09.1994, p. 1. Il-Linji Gwida ġew emendati l-aħħar fit-02.03.2011. Il-verżjoni aġġornata tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat tinsab fuq il-websjat tal-Awtorità: http://www.eftasurv.int/state-aid/legal-framework/state-aid-guidelines/

([2]) Għall-konvenjenza tal-qarrej, f'dan id-dokument qed issir referenza għal istituzzjonijiet finanzjarji bħala sempliċement "banek".

([3]) Disponibbli hawnhekk: http://www.eftasurv.int/?1=1&showLinkID=16604&1=1

([4]) Disponibbli hawnhekk: http://www.eftasurv.int/?1=1&showLinkID=16015&1=1

([5]) Disponibbli hawnhekk: http://www.eftasurv.int/?1=1&showLinkID=16585&1=1

([6]) Disponiblbi hawnhekk: http://www.eftasurv.int/media/state-aid-guidelines/Part-VIII---Return-to-viability-and-the-assessment-of-restructuring-measures-in-the-financial-sector.pdf

([7]) Disponibbli hawnhekk: http://www.eftasurv.int/media/state-aid-guidelines/Part-VIII---Financial-Crisis-Guidelines-2011.pdf

([8]) Dikjarazzjoni tal-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern tal-UE tas-26.10.2011, (http://www.consilium.europa-.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/ec/125621.pdf).

([9]) B'konsistenza mal-prattika preċedenti tal-Awtorità, skemi eżistenti jew ġodda ta' appoġġ lill-banek (irrispettivament mill-istrumenti ta' sostenn li jinkludu: garanziji, rikapitalizzazzjoni, likwidità, għajnuna għall-assi danneġġati, oħrajn) se jiġu estiżi jew approvati biss għal sitt xhur sabiex ikun possibbli li jsiru aġġustamenti ulterjuri, jekk meħtieġa, f'nofs l-2012.

(5) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-pakkett bankarju u sabiex jitqiesu l-iżviluppi fil-profil tar-riskju tal-banek minn meta bdiet il-kriżi, ikun tajjeb li r-regoli jiġu ċċarati u aġġornati ulterjorment f'ċerti rispetti. Dawn il-Linji Gwida jistabbilixxu l-emendi neċessarji għall-parametri għall-kompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat lill-banek relatata mal-kriżi sa mill-1 ta' Jannar 2012. B'mod partikolari, dawn il-Linji Gwida:

(a) jissupplimentaw il-Linji Gwida dwar ir-Rikapitalizzazzjoni, billi jipprovdu gwida aktar dettaljata dwar l-iżgurar ta' remunerazzjoni adegwata għal strumenti kapitali mingħajr redditu fiss;

(b) jispjegaw kif l-Awtorità se twettaq valutazzjoni proporzjonata tal-vijabbiltà fit-tul tal-banek fil-kuntest tal-pakkett bankarju; kif ukoll

(c) jintroduċu metodoloġija riveduta biex jiġi żgurat li d-drittijiet li għandhom jitħallsu għal garanziji fuq obbligazzjonijiet tal-banek ikunu suffiċjenti biex l-għajnuna involuta tkun limitata għall-minimu, bl-għan li jiġi żgurat li l-metodoloġija tqis id-differenzjazzjoni akbar tal-marġnijiet tas-swap ta' inadempjenza tal-kreditu (credit default swap – CDS) fi żminijiet reċenti u l-impatt tal-marġnijiet tas-CDS tal-Istat tal-EFTA kkonċernat.

2. **L-ipprezzar u l-kundizzjonijiet għal rikapitalizzazzjonijiet mill-istat**

(6) Il-Linji Gwida dwar ir-Rikapitalizzazzjoni jipprovdu gwida ġenerali dwar l-ipprezzar ta' injezzjonijiet ta' kapital. Dik il-gwida hija mmirata prinċipalment lejn l-istrumenti tal-kapital b'remunerazzjoni fissa.

(7) Fid-dawl tal-bidliet regolatorji u l-ambjent tas-suq li qed jinbidel, l-Awtorità tantiċipa li l-injezzjonijiet ta' kapital tal-Istat fil-futur jistgħu iseħħu l-aktar fil-forma ta' ishma b'remunerazzjoni varjabbli. Ikun tajjeb li jkun hemm kjarifika tar-regoli dwar l-ipprezzar ta' injezzjonijiet ta' kapital peress li r-remunerazzjoni għal ishma tkun fil-forma ta' dividendi u qligħ kapitali (li ma jkunx hemm ċertezza dwarhom), li jagħmel diffiċli l-valutazzjoni diretta ex ante tar-remunerazzjoni fuq strumenti bħal dawn.

(8) L-Awtorità, għaldaqstant, se tivvaluta r-remunerazzjoni ta' injezzjonijiet ta' kapital bħal dawn fuq il-bażi tal-prezz tal-ishma meta jinħarġu. L-injezzjonijiet tal-kapital għandhom ikunu sottoskritti bi skont suffiċjenti għall-prezz tal-ishma (wara aġġustament għall-"effett ta' dilwizzjoni" [1]) immedjatament qabel it-tħabbir tal-injezzjoni ta' kapital biex tingħata assigurazzjoni raġonevoli ta' remunerazzjoni adegwata għall-Istat [2].

(9) Għal banek elenkati, il-prezz referenzjarju tal-ishma għandu jkun il-prezz tas-suq ikkwotat ta' ishma bi drittijiet ekwivalenti għal dawk tal-ishma li jkunu qed jinħarġu. Għal banek mhux elenkati, ma hemmx prezz tas-suq bħal dan u l-Istati tal-EFTA għandhom jużaw approċċ ta' valutazzjoni xieraq ibbażat fuq is-suq (inkluż approċċ ta' grupp ta' pari P/E jew metodoloġiji ta' valutazzjoni oħra li huma ġeneralment aċċettati). L-ishma għandhom ikunu sottoskritti bi skont approprjat għal dak il-valur tas-suq (jew ibbażat fuq is-suq).

(10) Jekk l-Istati tal-EFTA jissottoskrivu għal ishma mingħajr drittijiet ta' vot, jista' jkun meħtieġ skont ogħla, li d-daqs tiegħu għandu jirrifletti l-grad ta' differenza fl-ipprezzar bejn l-ishma bil-vot u dawk mingħajr vot fil-kundizzjonijiet eżistenti tas-suq.

(11) Miżuri ta' rikapitalizzazzjoni jridu jkunu jinkludu inċentivi approprjati għall-banek biex jieqfu jieħdu l-appoġġ mill-Istat malajr kemm jista' jkun. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' ishma b'remunerazzjoni varjabbli, jekk l-inċentivi għat-tmiem ikunu mfassla b'tali mod li jillimita l-potenzjal ta' żieda għall-Istat tal-EFTA, pereżempju billi jinħarġu ċertifikati lill-azzjonisti eżistenti li jippermettulhom li jixtru lura l-ishma li jkunu għadhom kemm inħarġu mill-Istat bi prezz li jimplika qligħ annwali raġonevoli għall-Istat, ikun meħtieġ skont ogħla li jirrifletti l-limitu fuq il-potenzjal ta' żieda.

(12) Fil-każijiet kollha, id-daqs tal-iskont irid jirrifletti d-daqs tal-injezzjoni kapitali fil-konfront tal-kapital ewlieni tal-livell wieħed eżistenti. Nuqqas ikbar ta' kapital fil-konfront tal-kapital eżistenti jindika riskju akbar għall-Istat, u għaldaqstant jirrikjedi skont ogħla.

(13) L-istrumenti ibridi għandhom fil-prinċipju jkunu jinkludu "mekkaniżmu alternattiv ta' ħlas tal-kupuni" (alternative coupon satisfaction mechanism – ACSM) li bih il-kupuni li ma jkunux jistgħu jitħallsu bi flus kontanti, jitħallsu lill-Istat fil-forma ta' ishma li jinħarġu ġodda.

(14) L-Awtorità se tkompli titlob lill-Istati tal-EFTA jippreżentaw pjan ta' ristrutturazzjoni (jew aġġornament ta' pjan ta' ristrutturazzjoni eżistenti) fi żmien sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Awtorità li tawtorizza l-għajnuna għas-salvataġġ għal kwalunkwe bank li jirċievi appoġġ pubbliku fil-forma ta' miżuri ta' rikapitalizzazzjoni jew miżuri

[1] L-"effett ta' dilwizzjoni" jista' jiġi kkwantifikat bl-użu ta' tekniki tas-suq li ġeneralment huma aċċettati (pereżempju l-prezz teoretiku bi dritt (theoretical ex-rights price – TERP)).

[2] Jekk l-Istati tal-EFTA jissottoskrivu l-ħruġ ta' ishma, għandu jitħallas dritt adegwat għas-sottoskrizzjoni mill-istituzzjoni li toħroġ tali ishma.

dwar assi danneġġati. Fejn bank kien is-suġġett ta' deċiżjoni ta' salvataġġ preċedenti skont ir-regoli dwar il-kompatibilità tal-għajnuna lill-banek mal-Artikolu 61(3)(b) tal-Ftehim taż-ŻEE, kemm jekk bħala parti mill-istess operazzjoni ta' ristrutturazzjoni u kemm jekk le, l-Awtorità tista' tirrekjedi li l-pjan ta' ristrutturazzjoni jiġi ppreżentat fi żmien perjodu li jkun iqsar minn sitt xhur. L-Awtorità se twettaq valutazzjoni proporzjonata tal-vijabbiltà fit-tul tal-banek, billi tikkunsidra bis-sħiħ l-elementi li jindikaw li l-banek jistgħu jkunu vijabbli fit-tul mingħajr ma jkunu jeħtieġu ristrutturazzjoni sinifikanti, b'mod partikolari meta n-nuqqas ta' kapital ikun essenzjalment marbut ma' kriżi ta' fiduċja fid-dejn sovran, l-injezzjoni ta' kapital pubbliku tkun limitata għall-ammont neċessarju biex jiġi kkumpensat telf li jirriżulta mill-ipprezzar ta' bonds sovrani tal-Partijiet Kontraenti fil-Ftehim taż-ŻEE skont il-valur fis-suq f'banek li altrimenti jkunu vijabbli, u l-analiżi tkun turi li l-banek inkwistjoni ma jkunux ħadu riskju eċċessiv fl-akkwist tad-dejn sovran.

3. **L-ipprezzar u l-kundizzjonijiet għal garanziji tal-istat**

(15) Il-banek jistgħu jgawdu minn garanzija tal-Istat għall-ħarġa ta' strumenti ġodda ta' dejn, kemm jekk garantiti u kemm jekk le, bl-eċċezzjoni ta' strumenti li jikkwalifikaw bħala kapital. Peress li l-pressjoni fuq il-finanzjament tal-banek hija kkonċentrata fuq is-swieq ta' finanzjament fuq perjodu ta' żmien, il-garanziji tal-Istat għandhom ġeneralment ikopru biss id-dejn b'maturità ta' bejn sena u ħames snin (seba' snin fil-każ ta' bonds koperti).

(16) Minn meta bdiet il-kriżi, l-ipprezzar tal-garanziji tal-Istat kien marbut mal-marġni medjana tas-swap ta' inadempjenza tal-kreditu (credit default swap – CDS) tal-benefiċjarju matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Awwissu 2008. Dak l-ipprezzar żdied b'effett mill-1 ta' Lulju 2010 biex jirrifletti aħjar il-profil tar-riskju tal-benefiċjarji individwali ([1]).

(17) Sabiex titqies id-differenzjazzjoni akbar skont ir-riskju tal-marġnijiet ta' CDS tal-banek fi żminijiet reċenti, dik il-formula ta' pprezzar għandha tiġi aġġornata biex tirreferi għal marġnijiet ta' CDS medjani matul perjodu ta' tliet snin li jispiċċa xahar qabel ma jingħataw il-garanziji. Billi ż-żidiet fil-marġnijiet tas-CDS fi snin reċenti huma parzjalment dovuti għal influwenzi li mhumiex speċifiċi għal banek individwali, b'mod partikolari t-tensjonijiet li qed jiżdiedu fis-swieq tad-dejn sovran u ż-żieda globali fil-perċezzjoni tar-riskju fis-settur bankarju, dik il-formula għandha tiżola r-riskju intrinsiku ta' banek individwali minn bidliet f'marġnijiet tas-CDS tal-Istati taż-ŻEE u tas-suq kollu kemm hu. Dik il-formula għandha wkoll tirrifletti l-fatt li l-garanziji fuq bonds koperti jesponu l-garanti għal riskju sostanzjalment aktar baxx minn garanziji fuq dejn mhux garantit.

(18) Skont il-prinċipji msemmija fil-paragrafu 17, il-formula riveduta tal-ipprezzar li tinsab fl-Anness tistabbilixxi d-drittijiet minimi għal garanziji li għandhom japplikaw meta l-garanziji tal-Istat jingħataw fuq bażi nazzjonali, mingħajr ma jkun hemm kondiviżjoni tal-garanziji fost l-Istati tal-EFTA. L-Awtorità se tapplika dik il-formula għall-garanziji kollha tal-Istat fuq obbligazzjonijiet tal-banek b'maturità ta' sena jew aktar, li jkunu nħarġu fl-1 ta' Jannar 2012 jew wara.

(19) Fejn il-garanziji jkopru obbligazzjonijiet li ma jkunux denominati fil-munita domestika tal-garanti, għandu japplika dritt addizzjonali biex jiġi kopert ir-riskju tal-kambju li jkun ħa l-garanti.

(20) Fejn ikun neċessarju li garanziji jkopru dejn b'maturità ta' anqas minn sena, l-Awtorità se tkompli tapplika l-formula eżistenti ta' pprezzar, li tinsab fl-Anness. L-Awtorità mhijiex se tawtorizza garanziji li jkopru dejn b'maturità ta' anqas minn tliet xhur ħlief f'każijiet eċċezzjonali meta garanziji bħala dawn ikunu meħtieġa għall-istabbiltà finanzjarja. F'każijiet bħal dawn, l-Awtorità se tivvaluta r-remunerazzjoni xierqa fid-dawl tal-ħtieġa għal inċentrivi xierqa biex is-sostenn mill-istat jintemm mill-aktar fis possibbli.

(21) Jekk l-Istati tal-EFTA jiddeċiedu li jistabbilixxu arranġamenti għall-kondiviżjoni ta' garanziji fuq obbligazzjonijiet tal-banek, l-Awtorità se tirrevedi l-gwida tagħha f'dan id-dawl, biex b'mod partikolari tiżgura li tingħata influwenza lill-marġnijiet tas-CDS tal-Istati tal-EFTA biss sal-punt li dawn jibqgħu rilevanti.

(22) Biex l-Awtorità tkun tista' tivvaluta l-applikazzjoni fil-prattika tal-formula riveduta tal-ipprezzar, l-Istati tal-EFTA għandhom jindikaw, meta jinnotifikaw skemi ta' garanziji ġodda jew estiżi, dritt indikattiv għal kull bank eliġibbli li jgawdi minn dawk il-garanziji, ibbażat fuq applikazzjoni tal-formula bl-użu ta' dejta reċenti tas-suq. L-Istati tal-EFTA għandhom ukoll jikkomunikaw lill-Awtorità, fi żmien tliet xhur minn kull ħarġa ta' bonds garantiti, id-dritt għall-garanzija attwalment impost fil-konfront ta' kull ħarġa ta' bonds garantiti.

---

([1]) Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni tat-30.4.2010 dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal skemi ta' garanzija mill-gvern li jkopru dejn tal-banek li joħorġu tat-30.6.2010 (http://ec.europa.eu/competition/state_aid/studies_reports/phase_out_bank_guarantees.pdf).

*Appendiċi*

**Garanziji li jkopru dejn b'maturità ta' sena jew aktar**

It-dritt għall-garanzija għandu, bħala minimu, ikun is-somma ta':

1) dritt bażiku ta' 40 punt bażi (bp); kif ukoll

2) dritt ibbażat fuq ir-riskju ekwivalenti għar-rizultat tal-multiplikazzjoni ta' 40 punt bażi ma' metriku tar-riskju magħmul minn (i) nofs il-proporzjon tal-marġni medjan ta' CDS tal-benefiċjarju bi prijorità ta' ħames snin mifrux fuq it-tliet snin li jispiċċaw xahar qabel id-data tal-ħruġ tal-bond garantit mal-livell medjan tal-indiċi ta' ħames snin tal-iTraxx Europe Senior Financials matul l-istess perjodu ta' tliet snin, flimkien ma' (ii) nofs il-proporzjon tal-marġni medjan ta' CDS bi prijorità ta' ħames snin tal-Istati kollha taż-ŻEE mal-marġni medjan ta' CDS bi prijorità ta' ħames snin mifrux fuq l-istess perjodu ta' tliet snin tal-Istat tal-EFTA li jagħti l-garanzija.

Il-formula għad-dritt għall-garanzija tista' tiġi espressa bħala:

$$Dritt = 40bp \times (1 + (1/2 \times A/B) + (1/2 \times C/D))$$

li fiha A huwa l-marġni medjan tas-CDS bi prijorità ta' ħames snin tal-benefiċjarju, B huwa l-medjan tal-indiċi ta' ħames snin tal-iTraxx Europe Senior Financials, C huwa l-marġni medjan tas-CDS bi prijorità ta' ħames snin tal-Istati kollha taż-ŻEE, u D huwa l-marġni medjan tas-CDS bi prijorità ta' ħames snin tal-Istat tal-EFTA li jagħti l-garanzija.

Il-medjani huma kkalkulati fuq it-tliet snin li jispiċċaw xahar qabel il-ħruġ tal-bond garantit.

Fil-każ ta' garanziji għal bonds koperti, id-dritt għall-garanzija jista' jqis biss nofs id-dritt ibbażat fuq ir-riskju kkalkulat skont il-punt (2) ta' hawn fuq.

**Banek mingħajr dejta rappreżentattiva dwar is-CDS**

Fil-każ ta' banek mingħajr dejta dwar is-CDS, jew mingħajr dejta rappreżentattiva dwar is-CDS, iżda bi klassifikazzjoni ta' kreditu, għandu jiġi dderivat marġni tas-CDS ekwivalenti mill-valur medjan ta' marġnijiet tas-CDS ta' ħames snin matul l-istess perjodu kampjun għall-kategorija tal-ikklassifikar tal-bank ikkonċernat, ibbażat fuq kampjun rappreżentattiv tal-banek il-kbar fl-Istati taż-ŻEE. L-awtorità ta' sorveljanza se tivvaluta jekk id-dejta dwar is-CDS ta' bank tkunx rappreżentattiva.

Fil-każ ta' banek mingħajr dejta dwar is-CDS u mingħajr klassifikazzjoni ta' kreditu, għandu jiġi dderivat marġni tas-CDS ekwivalenti mill-valur medjan ta' marġnijiet tas-CDS ta' ħames snin matul l-istess perjodu kampjun għall-aktar kategorija baxxa tal-ikklassifikar [1], ibbażat fuq kampjun rappreżentattiv tal-banek il-kbar fl-Istati taż-ŻEE. Il-marġni kkalkulat tas-CDS, għal din il-kategorija ta' banek, tista' tiġi adattata fuq il-bażi ta' valutazzjoni superviżorja.

L-Awtorità se tiddetermina l-kampjuni rappreżentattivi tal-banek il-kbar fl-Istati taż-ŻEE.

**Garanziji li jkopru dejn b'maturità ta' inqas minn sena**

Minħabba li l-marġnijiet tas-CDS ma jipprovdux kejl adegwat tar-riskju ta' kreditu għal dejn b'maturità ta' inqas minn sena, id-dritt għal garanzija għal dejn bħal dan għandu bħala minimu jkun is-somma ta':

1) dritt bażiku ta' 50 punt bażi; kif ukoll

2) dritt ibbażat fuq ir-riskju ta' 20 punt bażi għal banek bi klassifikazzjoni ta' A+ jew A, 30 punt bażi għal banek bi klassifikazzjoni ta' A–, jew 40 punt bażi għal banek bi klassifikazzjoni taħt l-A– jew mingħajr klassifikazzjoni.

---

[1] L-aktar kategorija baxxa tal-ikklassifikar hija l-kategorija A, minħabba li ma hemmx biżżejjed dejta disponibbli għall-kategorija tal-ikklassifikar BBB.